MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2005

Appell Kriminali Numru. 105/2005

**Il-Pulizija**
**(Supt. N. Harrison)**
**Vs**

**Spiridione Tanti Costa**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli f'dawn il-gzejjer fit-23 ta' Dicembru, 1996 u fl-ahhar xhur qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:**

**a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza, Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-**

**Ligijiet ta' Malta lill-persuna/i, jew ghall-persuna/I minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**b) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-raba jew tas-sitt taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati, w bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**c) sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12.04.91;**

**d) wkoll kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Awla 9) fit-18/05/1995;**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 t’April, 2005, li biha, wara li rat l-artikoli 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101, l-artikoli 49, 50, 17 u 31 tal-Kap. 9, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal piena karcerarja ta’ tliet snin u nofs u ghal multa ta’ elfejn lira Maltija (LM2000) u ordnat il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti kif ukoll id-distruzzjoni mill-Ispizjar Mario Mifsud tad-droga w affarijiet hekk relatati esebiti.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-12 t’April, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma haditx in konsiderazzjoni l-ksur tal-conditional discharge stante illi d-dati ma kinux applikabbli w tirrevokaha ghal kumplament u hekk tilliberah minn kull htija w piena.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ :- Illi l-Ewwel Qorti bbazat il-konvinciment morali taghha ghaliex deherilha li x-xhud Eileen Gatt baqghet konsistenti, li mhux il-kaz, u qalet ukoll aktar il-quddiem fis-sentenza illi l-aktar punt li laqat lil Qorti kien dettall zghir li xehdet fuqu Gatt a tempo vergine u cioe’ l-kulur tal-*wallet* ta’ l-appellant u anki l-fatt li l-istess *wallet* kien jinghalaq biz-zipp. L-appellant qatt ma cahad li kien jiltaqa’ ma Eileen Gatt jew li kien imur id-Detox ghall-medicina w l-*wallet* li kellu setghet facilment tosservah persuna ohra specjalment meta tkun mara. Pero’ ebda pulizija ma qal li f’ dak il-hin ra l-*wallet* tal-appellant jew li rah idahhal xi haga fil-but. Kien sinifikanti li Gatt indunat li l-persuni li kien hemm kienu pulizija ghalkemm dawn kienu pajzana. Imma hawn hafna tip ta’ kartieri ta’ kulur car u biz-zipp. Umbaghad dil-kartiera qatt ma giet esebita w ghalkemm kienet f’ idejn il-pulizija ghax hadu l-flus minn go fiha, regghet inghatat lill-appellant. Illi r-rikonjizzjoni tal-kartiera minn Gatt ma saritx fil-prezenza tal-appellant. Gatt ma tghidx illi hu hareg din il-kartiera, jew *portmoney*, fetah iz-zipp, hareg il-pakketti w ghaddihomlha imma qalet li fetah il-*portmoney* jew *walle*t u qieghed il-flus li tatu hi. Persuna li qed taghmel xi haga hazina mhux ser tmur f’ Bieb il-Belt fejn mhux xi post appartat u jkun hemm nies ghaddejjin

kontinwament u xarabanks jaslu w nies jghagglu w joqghod ipoggi l-flus bhall iskrivani tal-bank. Kieku kien qed jaghmel xi haga llecita kien jghaddi l-oggetti, jircevi l-flus u jwaddabhom fil-but u mbaghad jaghmilhom x' imkien iehor. Hekk kien jissuggerixxi s-sens komun. Illi Eileen Gatt ma kientx kredibbli. Imma kienet qed tuza s-sitwazzjoni li gie applikat favur taghha l-artikolu 29 tal-Kap.101. Il-Pulizija damu sentejn biex sabu lil Eileen Gatt. Hu sintomatiku wkoll li Gatt kienet gharfet il-Pulizija w minnufieh irmiet il-pakketti ‘l boghod minnha . Sabuhom il-boghod minnha pero’ l-aktar vicin hdejha. Eileen Gatt mhux kredibbli kif jirrizulta mill-fedina penali taghha. Lanqas ma kienet konsistenti ghaliex meta giet in kontro-ezami, dak li ghoboha tiftakar, ftakritu w affarijiet ohra nsiethom. Hi kellha esperjenza tal-artikolu 29 ghax gja kienet uzat din il-procedura b’ rizultat favorevoli ghaliha kontra terza persuna. Fiz-zewg kazijiet hadet sentenza hafifa mentri haddiehor mar il-habs. L-appellant ghamel dikjarazzjoni preciza w fattwali meta gie nterrogat. Meta sar is-*search* go daru ma nstab xejn li b’ xi mod jista’ jorbot ma traffikar tad-droga. Nstabet labra wahda li kienet merfugha w uzata. Mhux veru li nstab xi *citric acid* fuqu. Dan kien ta’ Eileen Gatt. Ghand l-appellant ma nstab xejn. Li ma sar ebda *mechanical fit* ta’ xi karti w qratas maqtughin u ma sar ebda esperiment bil-*portmoney* jew fuq il-hwejjeg tal-appellant jew ghall-inqas b’ kelb jaraw li tinxtamm id-droga fl-istess but. Ma ngabat ebda prova ohra xjentifika bhal *fingerprints* biex jitqabblu ma dawk li nstabu fuq il-karti, Li l-Ewwel Qorti ma ippermettietx lill-appellant jixhed ghax qalet li kien gja tella xhieda estraneji in difeza. Ghall-inqas l-Ewwel Qorti accettat l-*statement* tieghu bhala prova w siltet minnu sahansitra l-parti dwar il-*portmoney* kif diga spjegat. Illi l-appellant qed jappella fuq il-fatt imma qed jinsisti li jkun hemm apprezzament mill-gdid tal-provi minn din il-Qorti. Mhux korretta l-interpretazzjoni li qed tinghata li fil-fazi tal-appell din il-Qorti hija biss Qorti ta’ revizjoni w mhux Qorti ta’ appell li tidhol fil-mertu. Illi dwar il-piena, kif jirrizulta mil-istess sentenza appellata w mir-rapporti hemm esebiti l-appellant ghamel qabza enormi fil-hajja tieghu. Hu veru li nghata opportunitajiet li ma apprezzhomx. Miz-zmien li hareg mill-habs hu ghandu tifla w qed jghix hajja regolari

ma omm it-tarbija w dir-relazzjoni gabitu f' sensieh, zammitu taht kontroll u anki mmotivatu specjalment minnhabba t-tifla. Qed jahdem regolarment. Wiehed irid iqis li dal-kaz li skond il-Prosekuzzjoni sar fit-23 ta' Dicembru, 1996, dam ma tressaq il-Qorti sas-sena 2000. Minn dak iz-zmien ghaddew disa' snin.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi ghal dak li jirrigwarda l-aggravji bazati fuq l-apprezzament tal-provi w x' inhu d-dmir u l-funzjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali meta tittratta din ix-xorta t' appelli, jigi ripetut u ribadit li hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94;** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi" **[14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel

sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .)**

**Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper" **([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-**

***"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed." (Ara wkoll*** <u>***BLACKSTONE'S CRIMINAL*** **PRACTICE (1991) , p. 1392)**</u>

**Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija dwar l-imputazzjonijiet bil-kwalifiki taghhom.**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi l-provi principali kontra l-appellant huma s-segwenti :- Meta, fit-23 ta' Dicembru, 1996, ghall-habta ta' 12.20 pm, PC 1013 Raymond Debono , PC 536 Jason Caruana, PC1100 u PC1479 kienu ghamlu** ***raid*** **f' Bieb il-Belt, kienu sabu lill-appellant ma Eileen Gatt u fl-art hdejhom instabu hames pakketti ta' sustanza mahsuba li kienet eroina, fil-waqt li fuq il-persuna tal-appellant instabet sustanza ta' citric acid. Dawn gew elevati w sussegwentement esebiti l-Qorti. Dak in-nhar stess umbaghad saret tfittxija fir-**

**residenza tal-appellant fil-Fgura w minn hemm gew elevati siringi w affarijiet relatati mad-droga. Saret ukoll tfittxija fid-dar ta' Eileen Gatt f' Bugibba fejn gie elevat xi citric acid. Dawn kollha gew esebiti. L-Ispettur Neil Harrison li mexxa l-Prosekuzzjoni esebixxa ukoll LM53 fi flus li kienu ssekwestrati minnghand l-appellant dak in-nhar stess. (dok. NH u NH1)**

**Eileen Gatt xehdet a fol- 27 et seq. tal-process li dak in-nhar hi kienet remiet hames pakketti mall-art li kienet ghadha kif akkwistat dak il-hin ezatt minnghand l-appellant , hekk kif rat il-Pulizija. Kienet xtrathom LM22 b' kollox flok LM25, ghax hu ried LM5 kull pakkett u hi flok LM25 qaltlu biex jiffrankalha xi haga ghax kien gej il-Milied u l-appellant kien tahomlha LM22. L-appellant kien hemm meta gew il-Pulizija, vicin taghha. Hi kienet xtrat eroina kemm il-darba qabel minnghand l-appellant ta' Lm5 dejjem, minn xi tlitt xhur, erba qabel u kienet tiltaqa' mieghu hemm il-Belt ghax l-appellant kien ikun hemm fejn il-ground tal-football. Hi dak iz-zmien kienet tiehu d-droga eroina. Kienet tixtri zewg pakketti tal-LM5 meta jkollha l-flus. Dak in-nhar kiernet qabdet ic-cheque tal-bonus u xtrat hames pakketti.**

**Fix-xhieda taghha Eileen Gatt ikkonfermat ukoll l-istqarrija taghha Dok.EG, li kienet ukoll ikkonfermat quddiem il-Magistrat. F' dik l-istqarrija kienet qalet testwalment hekk :-**

***"…fil-hin li gew il-Pulizija kienu ghadhom f' idi u jien armejthom lura ma l-art. Kienu hames pakketti bl-eroina u lkoll flimkien kienu mgezwrin gol-fidda. Kif appena armejthom il-Pulizija gabrithom mal-ewwel u ndunaw li kont armejthom jien. Spiru Tanti kien hdejja w arrestawh ukoll .Jien il-pakketti xtrajhtom minnghandu stess appena ftit sekondi qabel il-Pulizija gew fuqna. Fil-fatt fil-hin li gew fuqna Spiru kien ghadu kif qed idahhal il-flus fil-wallet tieghu li jekk niftakar sewwa kien griz car biz-zip. Taghhom jien hallastu LM22, li kienu zewg karti ta' Lm10 u wahda ta'***

***Lm2. Jien dalghodu qbadt tal-linja ghal Puturjal ghax kont sejra ghall-mistura. Kif wasalt il-Belt iltqajt ma' Spiru u offrieli hu jekk ridtx droga. Jien dak il-hin ghidtlu li kont sejra d-Detrox u nghaddi nixtri wara. Hu qalli li ma kienx jaf jekk kienx se jkun hemm aktar tard u qalli sabiex nixtri issa u nizel stage qabel u nahbiha barra peress li jkun hemm il-Pulizija tac-CID ghassa barra d-Detox. Hu hajjarni w urieni zewg pakketti zghar go kaxxa tas-suffarini . Fil-frattemp hu biegh zewg pakketti lil wiehed . Jien ghidtlu li ridt erba w wiehed b' xejn ghall-Christmas."***

**Aktar 'l isfel fl-istqarrija taghha qalet *: "il-Pulizija illum ghamluli wkoll tfittxija fil-flat u sabuli n-numru 661311. Dan qieghed miktub fuq bicca mill-pakkett tas-sigarretti Rothmans Blue. Hemm ukoll miktub Spiru Badjas. Dak kitbu Spiru stess il-bierah in-numru u l-isem ktibtu jien ghax niftakar li hu tieghu . Qalli li kien joqghod fil-post ma Rita Schembri u meta nkun irrid l-eroina ncempillu hemmhekk. U qalli meta ma nsibux il-Belt, incempillu d-dar fuq dak in-numru "***

**Dak in-nhar li xehdet fit-8 t' Awwissu, 2000, id-difiza llimitat ruha ghal zewg domandi in kontroezami w rrizervat il-kontroezami ulterjuri. Meta saret it-talba ghall-kontroezami ulterjuri, nhela hafna zmien sakemm Eileen Gatt setghet terga' tigi rintraccata.**

**Fl-kontro-ezami kontinwat umbaghad saru hafna domandi dwar dettalji dwar l-incident li kien gara bosta snin qabel bil-ghan li Eileen Gatt tigi skreditata izda dan l-ghan, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma ntlahaqx.**

**Mir-relazzjoni tal-espert tal-Qorti, l-Ispizjar Mario Mifsud irrizulta li fit-trab kannella elevat mill-art bejn l-appellant u Eileen Gatt u li kien f' hames qratas u kellu ammont nett totali ta' 0.294 grammi, nstabet fih is-sustanza Herojina.**

**L-appellant ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti w ma tirrizulta ebda talba verbalizzata biex jithalla jixhed fil-process, minkejja li l-kawza damet madwar erba snin**

**fl-istadju tad-difiza minhabba in gran parti l-insistenza ripetuta tad-difiza li terga' tigi riprodotta Eileen Gatt ghall-kontro-ezami ulterjuri u din ma setghetx tigi rintraccata. Fil-fatt ittellghu xi xhieda mid-difiza li pero' jistghu ikunu rilevanti biss ghall-piena.**

**Fl-istqarrija tieghu (Dok. NH1 a fol-32 u 33) l-appellant qal li hu guvni pero' kellu tifla ta' disa' snin. Kellu karozza Fiat Ritmo bin-numru B7781, li dak iz-zmien kienet ilha ghandu xi tlitt xhur pero' kien ghadu ma hallashiex kollha. Juzaha hu biss. Il-laqam tieghu hu "*Il-Badjas*". Mistoqsi il-jum ta' qabel kmieni wara nofsinhar, meta gie arrestat mill-Pulizija minn Puturjal, x' kien qed jaghmel hemmhekk, l-appellant wiegeb li kien ghadda ghand Philip jiehu te' u wara kien sejjer jixtri l-halib ghal ommu. Ghad-domanda jekk il-qratas li sabu l-Pulizija hdejh u hdejn Eileen Gatt kienux tieghu, wiegeb li lanqas jaf bihom biss. Kien sema' lilha tghajjat meta l-Pulizija qalilha li kienet irmiethom hi. Lil Eileen Gatt kien jafha ghax hi gieli tuza d-droga bhalu w fil-fatt kien ser jistaqsiha minn fejn hu seta' jixtri. Mistoqsi ghalfejn Eileen Gatt tatu l-flus wiegeb "*Lanqas ilhaqt kellimtha biss.*" Hu ma taha xejn. Meta gie mistoqsi kemm kien qed jiehu droga kulljum, minn fejn kien jixtriha, w kemm kien ilu jiehu l-eroina, ghazel li ma jwegibx. Accetta li s-siringi w affarijiet ohra elevati mir-residenza tieghu kienu tieghu. Cahad li jbiegh id-droga. Meta gie mistoqsi jridx jghd xi haga ohra, wiegeb : *"Jiena nghid illi ma nistax nifhem li l-Pulizija raw lill-Eileen ittini l-flus meta l-flus kienu go wallet qiesu griz jew kannella car li hu biz-zipp , meta l-istess wallet kien gol-but biz-zipp imsakkar. Il-flus li kelli fuqi huma tal-ghajnuna socjali u kont ghadni kif naqbad il-bonus."***

**Ikkonsidrat;**

**Illi skond l-artikolu 30 tal-Kap.101 minkejja d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 639 (3) tal-Kodici Kriminali, meta persuna tkun xtrat jew xort' ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza, x-xiehda ta' dik il-**

**persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minnghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b' cirkostanzi ohra.**

**F'dan il-kaz hemm l-allegazzjoni ta' Eileen Gatt li d-droga kienet ghadha kif akkwistatha minnghand l-appellant konfermata ghal darba, tnejn, tlieta bil-gurament u mill-banda l-ohra hemm ic-cahda tal-appellant fl-istqarrija tieghu li qatt ma giet konfermata bil-gurament.**

**Terga' u tghid l-allegazzjoni ta' Gatt fil-fatt hija korroborata minn ghadd ta' cirkostanzi, anki jekk ma kienx hemm bzonn strettament ta' tali korroborazzjoni. Dawn huma l-fatt li l-appellant effettivament kien hemm fejn instabu l-qratas fl-art, il-mod dettaljat ta' kif sar il-hlas bi flus kontanti konsistenti f' zewg karti tal-ghaxar liri u wahda taz-zewg liri, meta fuq l-appellant instabu proprju zewg karti tal-ghaxar liri u karti taz-zewg liri. Il-fatt li ghand Eileen Gatt instab miktub in-numru tat-telephone tal-appellant b' laqmu "Il-Badjas" u l-mod kif iddeskriviet kif l-appellant qalilha ccempillu fuq dak in-numru meta jkollha bzonn id-droga, jekk ma ssibux il-Belt. Hemm ukoll id-deskrizzjoni tal-wallet tal-appellant minn Eileen Gatt bhala dak li kien ghadu kif pogga l-flus li hallistu ghad-droga bihom.**

**Illi veru li bejn id-depozizzjoni guramentata ta' Eileen Gatt u l-istqarrija tal-appellant hemm konflitt, pero' mhux kull konflitt fil-provi necessarjament iwassal ghall-liberazzjoni tal-akkuzat, ghaliex jekk il-Qorti tabbraccja versjoni w tiskarta ohra kif ghandha kull dritt li taghmel u dik emmnuta tkun dik moghtija mix-xhieda jew xhud wiehed tal-prosekuzzjoni, dan jista' dejjem iwassal ghal konkluzzjoni ta' htija, sakemm il-gudikant dwar il-fatt ikollu c-certezza morali li dik il-versjoni tkun il-versjoni l-aktar attendibbli.**

**Illi umbaghad skond l-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali, x-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn**

**min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar.**

**Dan l-artikolu moqri flimkien mall-artikolu 30 tal-Kap.101 fuq citat kien jintitola pjenament lill-ewwel Qorti li tistrieh fuq id-depozizzjoni ta' Eileen Gatt u ssib il-htija wkoll skond l-ewwel imputazzjoni ta' traffikar.**

**Il-fatt li Eileen Gatt setghet kienet taf li meta kienet qed tixhed kif xehdet setghet tibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 u tibbenefika minn xi tnaqqis fil-piena, b'ebda mod ma jirrendi x-xhieda taghha, ladarba emmnuta, inqas valida. Umbaghad din pero' hi biss kongettura tad-difiza ghax la fis-sentenza w lanqas fil-process ta' Eileen Gatt (Dok. NH2 a fol-34) ma ssemma l-artikolu 29. Lanqas ma giet mistoqsija dwar dan l-ewwel darba li giet kontro-ezaminata (fol.55) u meta regghet giet riprodotta in kontro-ezami snin wara (fols 205 sa 210).**

**kkonsidrat;**

**Din il-Qorti, wara li regghet ezaminat bir-reqqa l-provi kollha fuq riprodotti w wara li qieset is-sottomissjonijiet tal-appellant, mhux biss tara li l-Ewwel Qorti setghet kemm legalment kif ukoll ragonevolment tasal ghal-konkluzzjoni ta' htija kemm skond l-ewwel imputazzjoni ta' pprokurar tad-droga eroina kif ukoll tal-pussess tal-istess droga skond it-tieni imputazzjoni li hu ammess, imma taqbel ma u tasal ghall-istess konkluzzjoni hi stess.**

Ghalhekk ladarba din il-Qorti hija tal-fehma li mill-assjem tal-provi, kemm diretti kif ukoll cirkostanzjali, l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal biex tikkonkludi li l-appellant kien hati tal-akkuzi kif dedotti, ma' ghandix ghalfejn tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dik tal-Ewwel Qorti.

**Ikkonsidrat;**

**Illi ghar-rigward tal-aggravji dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.)**

**F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi, ghaliex skond l-artikolu 22 (2) (b) (i) tal-Kap.101, l-piena mandatorja hija dik tal-prigunerija minn sitt xhur sa ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn LM200 u mhux izjed minn LM5000 u, meta r-reat jigi kommess minn recidiv bhal ma hu f' dal-kaz, il-piena tista' addirittura tizdied bi grad. F' dan il-kaz ghalhekk il-piena karceraja minima kienet dik ta' seba xhur u dik massima kienet dik ta' tnax il-sena.**

**Terga' w tghid skond l-artikolu 22 (9) tal-Kap.101, id-dispozizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kap.9 u dawk tal-Att dwar il-Probation tal-Hatjin ma humiex applikabbli ghall-persuna li tkun hatja tar-reat kif gie misjub hati l-appellant. Dan ifisser li idejn il-Qrati f' kazijiet bhal dawn huma marbutin u trid bil-fors tinghata piena karcerarja.**

**Illi umbaghad, mill-fedina penali aggornata tal-appellant jidher li hu gie misjub hati hafna drabi ta' pussess ta' drogi w ta' serq u tentattiv ta' serq, danni volontarji kif ukoll sahansitra darba ta' stupru ta' minorenni w dan apparti bosta reati ohra. Apparti hafna kazijiet fejn gie lliberat b' kondizzjoni jew immultat, gie sentenzjat ghall-piena karcerarja mhux inqas minn disa' darbiet.**

**Minkejja dan kollu, l-piena ta' tlitt snin u nofs prigunerija hija ferm aktar vicin il-minimu milli lejn il-massimu w ma jidhirx li hemm xi raguni biex tigi ridotta ulterjorment fic-cirkostanzi.**

**Il-konsiderazzjonijiet l-ohra li l-appellant illum isserja ghax ghandu relazzjoni ma mara li minnha kellu tifla, anki jekk jittiehdu bhala pruvati, ma jnaqqsu b'ebda mod il-gravita' tar-reat ta' pprokurar kommess minnu (ara App. Krim.** **"**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Tracey Borg" **[15.5.2003]) w konsidrata l-fedina penali tieghu w li rrizulta l-addebitu tar-recidiva, dawn ma jwasslux biex titnaqqas il-piena. Dwar it-trapass taz-zmien din il-Qorti kellha okkazzjoni tippronuncja ruha ripetutament fis-sens li dan ma ghandux jibbenefika lill-akkuzat, ghax dan it-trapass li jista' jkun dovut *in toto* jew in parti anki ghall-istess akkuzat, altrimenti ikun jippremja lil dawk li l-kawza taghhom iddum ma tinqata' u jkun ta' pregudizzju ghal dawk li l-kawza taghhom tinqata' fi zmien iqsar. ( ara App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Nicola Farrugia et" **[2.10.2002] ) F' dan il-kaz id-dewmien principali biex setghet tibda' l-kawza kien il-fatt li x-xhud ewlenija tal-prosekuzzjoni ma setghetx tigi rintraccjata mill-prosekuzzjoni kemm qabel ma bdiet il-kawza kif ukoll fil-kors tal-process. Di fatti l-kawza twalet b' madwar tlitt snin inutilment ghax id-difiza ma temmietx il-kontro-ezami tax-xhud fit-8 t' Awwissu, 2000 u wara insistenza biex terga tkompli tixhed in kontroezami fl-istadju tad-difiza, ma gietx rintraccata qabel it-28 ta' Jannar, 2003, dewmien li seta' jigi evitat, kieku l-kontro-ezami spicca fil-jum li beda kif suppost isir.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

**Pero', peress li rrizulta quddiem l-Ewwel Qorti mix-xhieda ta' l-probation officer Marietta Lanzon u ta' Joseph Gatt tal-Caritas li l-appellant kien ghamel progress konsiderevoli fl-isforzi tieghu biex johrog mill-vizzju tad-droga, tirrakkomanda lill-Awtoritajiet tal-Habs biex jaghtu lill-appellant kull facilita' possibbli taht il-ligi w r-Regolamenti tal-Habs biex hu jkun jista' jibqa' jippersisti fl-isforzi tieghu biex jibqa' hieles mill-vizzju kif ukoll li jibqa' jircevi kull kura w terapija li ghandu bzonn, jekk dan hu possibbli.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------